hekk li ġġiegħlek tistkerrah lil min jittieħed minnha; għal dawn kien hemm sptarijiet u kliniki speċjali — lebbrusarji; bosta drabi dawn l-imsejkna kienu jinġabru jgħixu flimkien qrib xi wieħed minn dawn l-isptarijiet, meta ma kinux jgħammru f'xi gżira żgħira u b'hekk jinqatgħu għal rashom mill-bqija tal-bnedmin. Marija kienet tammira ħafna lil dawk li kienu joffru ħajjithom biex itaffu xi ftit l-imrar ta' dawk l-imsejkna morda u jgħinu lil xi wħud minnhom ifiqu. Hi ta' sikwit kienet tistaqsi lilha nfisha għaliex ma tagħmilx qalb, la Alla ma kienx berikha bl-ulied, u tmur taħdem fost dawk l-iddisgrazzjati; imma meta kienet tiftakar f'Ġużeppi tagħha kienet titlef kull ħila, għax li tħallih waħdu, warajha, kienet għaliha ħaġa tqila wisq.

Imma għal Alla xejn mhu tqil, u Hu jaf jiftaħ triq qalb l-aktar blat samm u jwittiha wkoll. Kif ġa tarraft, meta Marija u Ġużeppi kienu nġabru f'kamrithom għal ftit tal-mistrieħ, Ġużeppi qabad f'idejh ktejjeb minn dawk li semmejt; beda jaqra u jħares lejn l-istampi. Ta' kultant kienet iġġelben qatra dmugħ ma' ħaddejh. Marija ndunat, u:

"Xi ġralek, ruħi?" qaltlu.

"Xejn", weġibha, "Imma dawn l-imsejkna lebbrusi jaqsmuli qalbi; meta niftakar f'dawk is-sorijiet u patrijiet, dawk it-tobba u l-infermieri li għall-imħabba t'Alla u ta' għajrhom igħaddu ħajjithom fost dawn l-imsejkna, nitgerrex minni nnifsi, qalbi tinqasam u nixtieq............imma aħjar xejn".

"M'aħniex tobba, aħna wkoll?" issoktat Marija, "Ma nistgħux nagħmlu bħalhom aħna wkoll? M'aħniex Insara aħna? L-imġiddma mhumiex ħutna? X'qegħdin nagħmlu hawn f'din id-dinja? Ma taniex Alla aktar milli ħaqqna? X'sejrin nagħtuh biex inpattu?" U kliem ieħor bħal dan, li ħareġ minn fomm u qalb Marija, u li nissel serħan fil-qalb imħabbta ta' Ġużeppi.

Minn dan bdiet, bil-qajla l-qajla, it-thejjija tagħhom biex jittarrfu mill-bnedmin u jmorru jaħdmu f'dak il-lebbrosarju. Marija tat il-bini li kellha lil zitha u lil ħuha u żammet biss il-flus li kellha, għall-vjaġġ u ħtiġiet oħra. Ix-xi ħaġa li kienu faddlu flimkien tawha lil omm u oħt Ġużeppi u telqu għal għonq it-triq, jimxu wara l-kewba t'Alla sakemm wasslithom qalb l-imġiddma. Hemm bdew ħajja ġdida — ħajja ta' sabar u ta' sagrifiċċju li titlob rieda ta' l-azzar, imma li fl-aħħar tifnik u teqirdek iżda twassslek fil-ħajja ta' dejjem. Min ma għex qalb dawn in-nies qatt ma jista' jġib sewwa quddiem għajnejh u jifhem x'kienet il-ħajja ta' Ġużeppi u Marija.

Meta Dun Ġakkin iltaqa' magħhom Marija kienet, biex ngħid hekk, fuq is-sodda tal-mewt, mifnija minn xogħol li jkidd kif ukoll minn xi nuqqasijiet. Kemm ħadet pjaċir, tagħmel l-aħħar qrara tagħha bil-Malti! Kemm talbet bil-qalb, b'liema ħerqa tenniet il-ġa-



kulatorja "Ġesù, Ġużeppi, Marija, nagħtikom qalbi u kull ma fiha" — dak it-talb li kienet tgħallmet minn fomm ommha u tenniet kemm-il darba ma' zitha u ħuha meta kienet għadha magħhom u li ta' kull lejl qabel ma torqod kienet tgħid bosta drabi ma' Ġużeppi tagħha. Kemm irrakkomandat lil żewġha lil Alla u lil Dun Ġakkin u fl-aħħar għalqet għajnejha fis-sliem tal-Mulej.

Dun Ġakkin qalli li ftit ġranet wara ħtieġlu jitlaq minn dik il-gżira, u li qabel ma telaq kien deherlu li Ġużeppi kien reġa' beda jderri. Imma xi xahar wara waslitlu ittra minn għand il-Patri Superjur fejn qalli li Ġużeppi kien waqa' fi swied il-qalb kbir u ftit wara hu wkoll kien miet, x'aktarx b'qalb maqsuma, imma li ruħu żgur kienet ittajret fi ħdan il-Mulej biex hemmhekk issib is-serħan u l-hena tagħha ma' dik ta' martu li dejjem ħeġġitu biex jaħdmu flimkien għal dawk l-imsejkna li wkoll kienu mifdija mid-demm ta' Kristu: "Kull ma nagħmlu għall-iċken wieħed minn dawn, nagħmluh għalih."

---

## L-UNIVERS

### *Ta'* P. P. THEUMA

Dak l-iżraq ta' fuq rasna,
Dak l-ikħal tas-smewwiet
Nifhmuh biss darba waħda
Fil-qawma minn l-imwiet.

Dak x'bgħod bejn kewkba għall-oħra!
Dak x'wisa' bla qisien!
Dak x'kobor ta' l-ikwiekeb
Ipetptu b'dawk l-ilwien!

Nixtieq kont tajra kbira
Ħa nitla' 'l fuq, il fuq,
Il fuq mill-ajruplani
Fil-ftuħ għall-għajn mitbuq;

Ħa ngħarrex ġo dak l-ikħal,
Ħa nħares għal mument,
U nifhem l-armonija
Li tmexxi l-firmament!